2026/1565

14.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1565

tal-13 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3084 fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta, ta' dikjarazzjonijiet simplifikati għal operaturi primarji mikro jew żgħar, ta' arranġamenti ta' kontinġenza u ta' miżuri oħra li jissimplifikaw l-użu tas-sistema ta' informazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2023/1115 jistabbilixxi regoli li jimminimizzaw il-kontribut tal-Unjoni għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-foresti. Dan ġie emendat bir-Regolament (UE) 2025/2650 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) fir-rigward ta' ċerti obbligi tal-operaturi u tan-negozjanti. B'mod partikolari, ġew introdotti kategoriji ġodda ta' "operatur downstream" u "operatur primarju mikro jew żgħir". L-emendi jeħilsu lill-operaturi u lin-negozjanti downstream mill-obbligu li jippreżentaw dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta fis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2023/1115 (is-"sistema ta' informazzjoni") u introduċew possibbiltà għall-operaturi primarji mikro jew żgħar biex jippreżentaw dikjarazzjoni simplifikata fis-sistema ta' informazzjoni.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3084 ([3]) jistabbilixxi r-regoli għall-funzjonament tas-sistema ta' informazzjoni. Jenħtieġ li dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jirrifletti l-emendi tar-Regolament (UE) 2023/1115 li saru bir-Regolament (UE) 2025/2650.

(3) Ir-regoli għall-attribuzzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta fis-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiġu modifikati biex ikunu allinjati mar-regoli tal-attribuzzjoni għad-Dikjarazzjonijiet Simplifikati.

(4) Jenħtieġ li jiġu mmodifikati u jiżdiedu għadd ta' definizzjonijiet biex jirriflettu l-bidliet introdotti fir-Regolament (UE) 2023/1115.

(5) Skont l-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2023/1115, l-operaturi primarji mikro jew żgħar huma obbligati jippreżentaw dikjarazzjoni simplifikata u jistgħu jaġġornawha wara kwalunkwe bidla kbira fl-informazzjoni li pprovdew. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jippermettu t-tali preżentazzjoni u aġġornamenti.

(6) Sabiex jiġu żgurati l-flessibbiltà operazzjonali u l-adattabbiltà li tibqa' valida fil-futur tal-infrastruttura tal-IT li tospita s-sistema ta' informazzjoni, inklużi l-funzjonalitajiet sottostanti tagħha, jenħtieġ li titħassar ir-referenza għall-infrastruttura ta' sistema TRACES.

(7) Sabiex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet tekniċi rigward id-daqs tal-fajl tad-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta u tad-dikjarazzjonijiet simplifikati li jistgħu jiġu ppreżentati fis-sistema ta' informazzjoni, u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fil-proċeduri doganali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi li jippermettu r-raggruppament tan-numri ta' referenza individwali jew tal-identifikaturi tad-dikjarazzjoni fis-sistema ta' informazzjoni permezz tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta ġdida jew ta' dikjarazzjoni simplifikata ġdida.

([1]) ĠU L 150, 9.6.2023, p. 206, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1115/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2025/2650 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1115 fir-rigward ta' ċerti obbligi tal-operaturi u tan-negozjanti (ĠU L, 2025/2650, 23.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2650/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3084 tal-4 ta' Diċembru 2024 dwar il-funzjonament tas-sistema ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti (ĠU L, 2024/3084, 6.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3084/oj).

(8) Biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimmaniġġaw l-utenti tas-sistema ta' informazzjoni u l-kontijiet tagħhom, jeħtieġ tiġi żviluppata karatteristika dedikata fis-sistema ta' informazzjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jippermettu lill-Kummissjoni tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti meta jkun meħtieġ għarfien espert nazzjonali jew meta l-verifika tal-informazzjoni minn awtorità kompetenti tkun neċessarja biex il-Kummissjoni tivvalida t-talbiet li jikkonċernaw is-sistema ta' informazzjoni.

(9) Meta l-aċċess għas-sistema ta' informazzjoni jiġi pprovdut permezz ta' servizz tal-web, jenħtieġ li s-sistema ta' informazzjoni tipprovdi l-kundizzjonijiet neċessarji għal interkonnessjoni bħal din.

(10) Sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni unika tal-utenti tas-sistema ta' informazzjoni, jenħtieġ li kull utent ikun jista' joħloq reġistrazzjoni waħda biss fiha u jenħtieġ li jkun meħtieġ jipprovdi identifikatur li jippermetti tali identifikazzjoni unika.

(11) Barra minn hekk, jenħtieġ li s-sistema ta' informazzjoni tiżgura li l-utenti tas-sistema ta' informazzjoni jkunu jistgħu jżommu l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni tagħhom aġġornata.

(12) Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà u tiġi ggarantita d-disponibbiltà kontinwa tas-sistema ta' informazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista', meta neċessarju, tistabbilixxi miżuri biex jiġu imposti kundizzjonijiet dwar interazzjonijiet individwali mas-sistema ta' informazzjoni.

(13) Skont l-Artikolu 33(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/1115, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi arranġamenti ta' kontinġenza fil-każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tal-funzjonalitajiet tas-sistema ta' informazzjoni. Biex tiġi żgurata l-konformità kontinwa mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2023/1115, jenħtieġ li arranġamenti ta' kontinġenza għal dawn jinkludu obbligi ta' informazzjoni u l-għoti ta' numru ta' referenza ta' kontinġenza u ta' identifikatur tad-dikjarazzjoni ta' kontinġenza.

(14) Sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni fil-pront tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(15) Biex jingħata biżżejjed żmien għall-allinjament tekniku tas-sistema ta' informazzjoni mar-regoli modikati tal-attribuzzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta lill-awtoritajiet kompetenti, id-data tal-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli jenħtieġ li tiġi posposta.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2023/1115,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3084 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-funzjonament tas-sistema ta' informazzjoni, inklużi regoli għall-protezzjoni tad-data personali, l-iskambju tad-data ma' sistemi oħra tal-IT u arranġamenti ta' kontinġenza f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà tal-funzjonalitajiet tas-sistema ta' informazzjoni.";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) tiżviluppa s-sistema ta' informazzjoni;",

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-sistema ta' informazzjoni għandha tintuża mill-operaturi, u meta applikabbli, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, għall-preżentazzjoni u l-ġestjoni tad-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta u tad-Dikjarazzjonijiet Simplifikati, mill-Istati Membri biex iqiegħdu l-informazzjoni għad-dispożizzjoni skont l-Artikolu 4a(4) tar-Regolament (UE) 2023/1115, u mill-operaturi downstream u min-negozjanti biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1115. Għandha tintuża wkoll mill-awtoritajiet kompetenti, mill-awtoritajiet doganali, u mill-Kummissjoni għall-ivvalutar u l-ipproċessar tad-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta u tad-Dikjarazzjonijiet Simplifikati u l-azzjoni dwarhom, inkluż l-iskambju tal-informazzjoni li fiha d-data personali bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament (UE) 2023/1115. Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni bħal dan għandu jikkonforma mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta għandhom jiġu attribwiti fis-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkun stabbilit fih l-operatur. F'każ li l-operatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, id-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta għandhom jiġu attribwiti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li miegħu jkun assoċjat l-operatur skont l-identifikatur uniku tal-operatur ipprovdut fis-sistema ta' informazzjoni.";

(d) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Id-Dikjarazzjonijiet Simplifikati għandhom jiġu attribwiti fis-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit l-operatur primarju mikro jew żgħir. Jekk l-operatur primarju mikro jew żgħir ikun stabbilit barra mill-Unjoni, id-Dikjarazzjoni Simplifikata għandha tiġi attribwita lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li miegħu jkun assoċjat l-operatur primarju mikro jew żgħir skont l-identifikatur uniku tal-operatur primarju mikro jew żgħir ipprovdut fis-sistema ta' informazzjoni. Jekk Stat Membru jagħmel l-informazzjoni dwar id-Dikjarazzjoni Simplifikata disponibbli fis-sistema ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4a(4) tar-Regolament (UE) 2023/1115, id-Dikjarazzjoni Simplifikata għandha tiġi attribwita lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.";

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) 'attur tas-sistema ta' informazzjoni' tfisser l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali skont ir-Regolament (UE) 2023/1115, u l-Kummissjoni, li jwettqu l-kompiti mogħtija lilhom f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1115;

(c) 'utent tas-sistema ta' informazzjoni' tfisser l-operaturi, inklużi l-operaturi primarji mikro jew żgħar, u r-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, meta applikabbli, l-operaturi u n-negozjanti downstream, skont ir-Regolament (UE) 2023/1115, kif ukoll l-Istati Membri li jaġixxu skont l-Artikolu 4a(4) ta' dak ir-Regolament, u li huma identifikati permezz ta' reġistrazzjoni individwali fl-EU Login, is-servizz ta' awtentikazzjoni tal-utent tal-Kummissjoni u permezz tal-forniment ta' identifikatur uniku;";

(b) jiddaħħal il-punt (da) li ġej:

"(da) 'Dikjarazzjoni simplifikata' tfisser dikjarazzjoni simplifikata ppreżentata mill-utent tas-sistema ta' informazzjoni skont l-Artikolu 4a(2) tar-Regolament (UE) 2023/1115;";

(c) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) 'Numru ta' referenza' tfisser in-numru ta' referenza assenjat mis-sistema ta' informazzjoni għad-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta;";

(d) jiddaħħal il-punt (ea) li ġej:

"(ea) 'Identifikatur tad-dikjarazzjoni' tfisser l-identifikatur assenjat mis-sistema ta' informazzjoni għad-Dikjarazzjoni Simplifikata;";

(e) il-punti (f) u (g) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(f) 'Numru ta' verifika' tfisser numru tas-sigurtà assenjat mis-sistema ta' informazzjoni għad-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew għad-Dikjarazzjoni Simplifikata biex tiġi żgurata sigurtà addizzjonali tad-data li tinsab fiha;

(g) 'Tfassil ta' profili tar-riskju' tfisser l-identifikazzjoni tar-riskji ta' nuqqas ta' konformità ta' prodott rilevanti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1115 fis-sistema ta' informazzjoni, abbażi ta' kriterji tar-riskju, għall-fini tal-assenjazzjoni għal kull Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta u Dikjarazzjoni Simplifikata ppreżentata fis-sistema ta' informazzjoni, inkluż wara kwalunkwe emenda jew aġġornament tagħha, status tar-riskju li jirrifletti dawk ir-riskji.";

(4) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta prodott rilevanti jkun fih l-injam jew ikun sar bl-użu tal-injam, l-utenti tas-sistema ta' informazzjoni għandhom idaħħlu fid-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta l-ismijiet xjentifiċi sħaħ tal-ispeċijiet tal-injam li fihom il-prodotti rilevanti jew li jkunu saru bihom.";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

"*Artikolu 4a*

Preżentazzjoni, aġġornament u rtirar tad-Dikjarazzjonijiet Simplifikati

1. L-utent tas-sistema ta' informazzjoni għandu jippreżenta d-Dikjarazzjoni Simplifikata fis-sistema ta' informazzjoni ħlief meta l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni f'konformità mal-paragrafu 2.

2. Meta l-informazzjoni kollha elenkata fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1115 tkun disponibbli f'sistema jew f'bażi tad-data li teżisti skont id-dritt tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, is-sistema ta' informazzjoni għandha tħalli lill-Istati Membri iqiegħdu dik l-informazzjoni u, meta rilevanti, kwalunkwe aġġornament tagħha, fis-sistema ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni ta' kull operatur primarju mikro jew żgħir kif imsemmi fl-Artikolu 4a(4) tar-Regolament (UE) 2023/1115. Is-sistema ta' informazzjoni għandha tassenja identifikatur tad-dikjarazzjoni għall-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' kull operatur primarju mikro jew żgħir individwali. L-identifikatur tad-dikjarazzjoni għandu jiġi kkomunikat mill-Istat Membru kkonċernat lill-operatur primarju mikro jew żgħir rispettiv u jintuża minn dak l-operatur primarju mikro jew żgħir għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2023/1115 u ta' dan ir-Regolament.

3. Aġġornament tad-Dikjarazzjoni Simplifikata għandu jiġi ppreżentat u jitqiegħed għad-dispożizzjoni fis-sistema ta' informazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1 u 2. L-identifikatur tad-dikjarazzjoni assoċjat mad-Dikjarazzjoni Simplifikata għandu jinżamm f'każ ta' aġġornament.

4. Is-sistema ta' informazzjoni għandha żżomm rekord tad-Dikjarazzjonijiet Simplifikati u ta' kwalunkwe aġġornament tagħhom.

5. Aġġornament tad-Dikjarazzjoni Simplifikata għandu jiskatta tfassil ta' profil tar-riskju ġdid tad-Dikjarazzjoni Simplifikata aġġornata kollha f'konformità mal-Artikolu 6.

6. Is-sistema ta' informazzjoni għandha tħalli lill-utenti tas-sistema ta' informazzjoni jirtiraw id-Dikjarazzjonijiet Simplifikati.

7. Id-Dikjarazzjonijiet Simplifikati ma għandhomx jiġu rtirati wara li d-Dikjarazzjoni Simplifikata tkun intużat bħala referenza mill-istess utent tas-sistema ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8a.";

(6) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Id-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta ma għandhomx jiġu emendati jew irtirati wara li d-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta tkun intużat bħala referenza f'Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta ppreżentata mill-istess utent tas-sistema ta' informazzjoni għar-raggruppament skont l-Artikolu 8a.";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) prodott rilevanti kopert minn Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta ġie introdott fis-suq tal-Unjoni jew esportat skont ir-Regolament (UE) 2023/1115;";

(7) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, is-sistema ta' informazzjoni għandha tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu profili tar-riskju fis-sistema ta' informazzjoni biex jappoġġaw deċiżjoni infurmata għall-għażla tal-operaturi, inklużi l-operaturi primarji mikro jew żgħar, l-operaturi downstream, in-negozjanti jew il-prodotti rilevanti assoċjati mad-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta u d-Dikjarazzjonijiet Simplifikati li fuqhom għandhom jitwettqu l-verifiki. Dawk il-profili tar-riskju għandhom ikunu bbażati *inter alia* fuq il-kriterji tar-riskju stabbiliti fil-pjan annwali ta' verifiki tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) 2023/1115.

3. Mal-preżentazzjoni tagħha fis-sistema ta' informazzjoni, kull Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta u Dikjarazzjoni Simplifikata għandha tkun soġġetta għat-tfassil elettroniku awtomatizzat ta' profili tar-riskju u s-sistema ta' informazzjoni għandha tassenja status tar-riskju għal kull Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta u Dikjarazzjoni Simplifikata, li ma għandhomx jiġu ddivulgati lill-utent tas-sistema ta' informazzjoni.

4. Fi kwalunkwe stadju wara l-preżentazzjoni ta' Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew Dikjarazzjoni Simplifikata, inkluż wara raggruppament tagħhom skont l-Artikolu 8a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrieżaminaw id-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew id-Dikjarazzjoni Simplifikata biex jiddeterminaw jekk prodott rilevanti jikkonformax mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/1115. F'każ bħal dan, bħala riżultat tar-rieżami, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jassenjaw status tar-riskju ġdid lid-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew lid-Dikjarazzjoni Simplifikata, jew ir-raggruppament ta' dikjarazzjonijiet bħal dawn, meta applikabbli. Jekk l-awtorità kompetenti tassenja status tar-riskju ġdid lil Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew lil Dikjarazzjoni Simplifikata, jew lil raggruppament ta' dikjarazzjonijiet bħal dawn, tali status tar-riskju ġdid għandu jieħu preċedenza fuq status tar-riskju assenjat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Is-sistema ta' informazzjoni għandha żżomm rekord ta' kwalunkwe bidla li ssir fl-istatus tar-riskju ta' Dikjarazzjoni Simplifikata jew tar-raggruppament ta' dikjarazzjonijiet bħal dawn.;"

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. L-istatus tar-riskju assenjat lid-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew lid-Dikjarazzjoni simplifikata għandu jkun viżibbli biss għall-atturi tas-sistema ta' informazzjoni.";

(8) L-Artikoli 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Assenjazzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni tan-numri ta' referenza, tal-identifikaturi tad-dikjarazzjoni u tan-numri ta' verifika

1. Is-sistema ta' informazzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed wara li tikkonkludi t-tfassil tal-profil tar-riskju msemmi fl-Artikolu 6, tassenja numru ta' referenza lid-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta u identifikatur tad-dikjarazzjoni lid-Dikjarazzjoni Simplifikata ppreżentata mill-utent tas-sistema ta' informazzjoni. Fl-istess ħin, hija għandha tassenja numru ta' verifika assoċjat mad-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew mad-Dikjarazzjoni Simplifikata.

2. In-numru ta' referenza jew l-identifikatur tad-dikjarazzjoni u n-numru ta' verifika assoċjat għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-utent tas-sistema ta' informazzjoni mal-konklużjoni tat-tfassil tal-profil tar-riskju msemmi fl-Artikolu 6.

3. Is-sistema ta' informazzjoni għandha tħalli lill-awtoritajiet kompetenti jdewmu t-tqegħid għad-dispożizzjoni tan-numru ta' referenza jew tal-identifikatur tad-dikjarazzjoni u tan-numru ta' verifika assoċjat biex jistabbilixxu jekk il-prodotti rilevanti jikkonformawx mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/1115 u, b'mod partikolari, biex jivverifikaw li s-sitwazzjoni identifikata msemmija fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament ma tkunx applikabbli għal dak il-prodott rilevanti. Tali dewmien għandu jkun qasir kemm jista' jkun u ma għandux jaqbeż il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2023/1115. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż skont id-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti sakemm ikun neċessarju, b'perjodi addizzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2023/1115, biex twettaq il-kontrolli tagħha u tissodisfa l-obbligi tagħha skont ir-Regolament (UE) 2023/1115 u dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Rifjut tad-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta u tad-Dikjarazzjonijiet Simplifikati

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrifjutaw Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew Dikjarazzjoni Simplifikata matul il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2023/1115 li jibda mill-mument meta jiġi identifikat riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità fis-sistema ta' informazzjoni skont l-Artikolu 6. Ir-rifjut ta' Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta ma għandux jibqa' possibbli ladarba n-numru ta' referenza ta' Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jkun sar disponibbli għall-utent tas-sistema ta' informazzjoni.

2. Il-prodott rilevanti ddikjarat f'Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta miċħuda jew f'Dikjarazzjoni Simplifikata miċħuda għandu jitqies mhux kopert minn Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew minn Dikjarazzjoni Simplifikata kif meħtieġ fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2023/1115 mill-mument tar-rifjut.

3. Ir-rifjut għandu jiġi rifless fis-sistema ta' informazzjoni bl-assenjazzjoni ta' status speċifiku lid-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew lid-Dikjarazzjoni Simplifikata kkonċernata.";

(9) fil-Kapitolu II jiżdied l-Artikolu 8a li ġej:

"*Artikolu 8a*

Raggruppament tad-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta u tad-Dikjarazzjonijiet Simplifikati fis-sistema ta' informazzjoni

1. L-utenti tas-sistema ta' informazzjoni jistgħu jiġbru flimkien Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta jew Dikjarazzjonijiet Simplifikati individwali billi jippreżentaw Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew Dikjarazzjoni Simplifikata ġdida li tirreferi għal Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta jew għal Dikjarazzjonijiet Simplifikati individwali ppreżentati qabel mill-istess utent tas-sistema ta' informazzjoni, jew għall-istess operatur jew operatur primarju mikro jew żgħir minn rappreżentant awtorizzat, jekk applikabbli, permezz tan-numri ta' referenza jew l-identifikaturi tad-dikjarazzjoni ppreżentati qabel ("Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew Dikjarazzjoni Simplifikata raggruppata").

2. Is-sistema ta' Informazzjoni għandha tassenja status speċifiku lid-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta jew lid-Dikjarazzjonijiet Simplifikati individwali ladarba ssir referenza għalihom fid-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew fid-Dikjarazzjoni Simplifikata raggruppata sabiex jiġi identifikat li jkunu raggruppati u sostitwiti mid-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew mid-Dikjarazzjoni Simplifikata raggruppata.

3. Id-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew id-Dikjarazzjoni Simplifikata raggruppata għandha tirrappreżenta d-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew id-Dikjarazzjoni Simplifikata individwali għall-finijiet ta' konformità mar-Regolament (UE) 2023/1115. Għalhekk, id-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew id-Dikjarazzjoni Simplifikata raggruppata għandha tkopri l-introduzzjoni fis-suq jew l-esportazzjoni tal-prodotti rilevanti inklużi fid-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta jew fid-Dikjarazzjonijiet Simplifikati individwali msemmija fihom. Għall-finijiet ta' konformità mal-Artikoli 4(7) u 26(4) tar-Regolament (UE) 2023/1115, minflok in-numri ta' referenza individwali jew l-identifikaturi tad-dikjarazzjoni li ġew assenjati status speċifiku f'konformità mal-paragrafu 2, l-utenti tas-sistema ta' informazzjoni għandhom jikkomunikaw jew jagħmlu disponibbli n-numru ta' referenza jew l-identifikatur tad-dikjarazzjoni tad-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew tad-Dikjarazzjoni Simplifikata raggruppata.";

(10) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-għoti ta' għarfien, ta' taħriġ u ta' appoġġ, inkluża l-assistenza teknika, lill-utenti tas-sistema ta' informazzjoni u lill-atturi tas-sistema ta' informazzjoni fir-rigward tal-użu tas-sistema ta' informazzjoni u, meta jkun meħtieġ għarfien espert nazzjonali, it-talba għall-assistenza mill-awtoritajiet kompetenti f'każijiet li jeħtieġu għarfien espert nazzjonali;";

(b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-għoti ta' aċċess lill-utenti tas-sistema ta' informazzjoni, li huma taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti u li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti, fejn neċessarju, biex jivverifikaw l-informazzjoni ta' identifikazzjoni pprovduta mill-utenti tas-sistema ta' informazzjoni u informazzjoni oħra li l-validità tagħha tista' tiġi vvalutata biss mill-Istati Membri;";

(c) jiddaħħal il-punt (ca) li ġej:

"(ca) l-iżvilupp ta' karatteristika fis-sistema ta' informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jimmaniġġaw l-utenti tas-sistema ta' informazzjoni, inklużi l-attivitajiet elenkati fil-punt (h), u jisiltu d-data relatata mal-utenti tas-sistema ta' informazzjoni;";

(d) il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(e) l-għoti ta' servizzi tal-web għall-utenti tas-sistema ta' informazzjoni appoġġati minn speċifikazzjonijiet tekniċi komuni biex jippreżentaw u jimmaniġġaw Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta u Dikjarazzjonijiet Simplifikati, inkluż ir-raggruppament tagħhom, fis-sistema ta' informazzjoni b'mod awtomatizzat, u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-konnessjoni u għall-użu ta' dawn is-servizzi tal-web, meta neċessarju;

(f) il-forniment ta' servizzi tal-web għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri appoġġati minn speċifikazzjonijiet tekniċi komuni biex iwettqu kompiti fuq id-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta jew id-Dikjarazzjonijiet Simplifikati ppreżentati, inklużi r-raggruppamenti tagħhom, fis-sistema ta' informazzjoni b'mod awtomatizzat, u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-konnessjoni u għall-użu ta' dawn is-servizzi tal-web, meta neċessarju;";

(e) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) is-sospensjoni u r-revoka tal-aċċess tal-utenti tas-sistema ta' informazzjoni, inkluż biex jiġu indirizzati każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/1115 jew f'dan ir-Regolament fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit l-utent tas-sistema ta' informazzjoni, jew, f'każ li l-utent ikun stabbilit barra mill-Unjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li miegħu jkun assoċjat l-utent tas-sistema ta' informazzjoni skont l-identifikatur uniku tiegħu pprovdut mar-reġistrazzjoni fis-sistema ta' informazzjoni.";

(11) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-utenti tas-sistema ta' informazzjoni reġistrati biss għandu jkollhom aċċess għas-sistema ta' informazzjoni. L-utenti tas-sistema ta' informazzjoni għandhom joħolqu kont wieħed fis-sistema ta' informazzjoni. Is-sistema ta' informazzjoni għandha tipprevedi l-possibbiltà li l-utenti tas-sistema ta' informazzjoni joħolqu rwoli differenti taħt l-istess kont.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-utenti tas-sistema ta' informazzjoni għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fis-sistema ta' informazzjoni li jkunu ppreżentaw, jew li jkunu ngħataw aċċess għaliha minn utent ieħor tas-sistema ta' informazzjoni permezz ta' numri ta' referenza u numri ta' verifika ta' Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta u identifikaturi tad-dikjarazzjonijiet assoċjati u numri ta' verifika ta' Dikjarazzjonijiet Simplifikati assoċjati, inklużi Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta jew Dikjarazzjonijiet Simplifikati raggruppati.";

(c) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Is-sistema ta' informazzjoni għandha tippermetti lill-utenti tas-sistema ta' informazzjoni jżommu l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni tagħhom aġġornata.";

(12) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għad-data, għall-informazzjoni u għad-dokumenti kollha fis-sistema ta' informazzjoni għall-fini tal-ipproċessar tagħhom f'konformità mal-Artikoli 21 u 27(1) tar-Regolament (UE) 2023/1115, filwaqt li tipproduċi rapporti u għall-iżvilupp, għall-funzjonament u għall-manutenzjoni tas-sistema ta' informazzjoni.";

(13) fl-Artikolu 12(5), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej

"Is-sistema ta' informazzjoni għandha taħżen id-data personali li tinsab fid-Dikjarazzjonijiet tad-Diliġenza Dovuta mhux aktar minn 5 snin mid-data meta tiġi ppreżentata d-Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta fis-sistema ta' informazzjoni, jew, fil-każ ta' raggruppament skont l-Artikolu 8a, mid-data tar-raggruppament."; is-sistema ta' informazzjoni għandha taħżen id-data personali li tinsab fid-Dikjarazzjonijiet Simplifikati mhux aktar minn 5 snin mid-data meta d-Dikjarazzjoni Simplifikata tiġi rtirata mis-sistema ta' informazzjoni.";

(14) fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-miżuri li ġejjin:

(a) miżuri biex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa tas-sistema ta' informazzjoni billi jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-interazzjonijiet individwali, inklużi l-ispeċifikazzjoni tal-limiti tekniċi għad-daqs tal-fajl u r-regolamentazzjoni tal-frekwenza tal-interazzjonijiet;

(b) miżuri għall-prevenzjoni tal-preżentazzjoni ta' data skorretta, superfluwa jew duplikata.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti u lill-utenti tas-sistema ta' informazzjoni dwar il-miżuri meħuda skont dan il-paragrafu mingħajr dewmien.";

(15) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"*Artikolu 15a*

Arranġamenti ta' kontinġenza

1. Sat-30 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tipprovdi dan li ġej fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku:

(a) informazzjoni dwar id-disponibbiltà u l-funzjonament tas-sistema ta' informazzjoni;

(b) informazzjoni dwar il-miżuri ta' kontinġenza li għandhom jittieħdu f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà mhux ippjanata tal-funzjonalitajiet tas-sistema ta' informazzjoni li jaqbżu d-durata ta' 60 minuta.

2. Il-miżuri ta' kontinġenza msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandhom jinkludu mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) notifika tal-atturi tas-sistema ta' informazzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà mhux ippjanat tas-sistema ta' informazzjoni permezz ta' mezzi diġitali;

(b) l-għoti ta' numru ta' referenza ta' kontinġenza u ta' identifikatur tad-dikjarazzjoni ta' kontinġenza biex ikopru l-prodotti li għalihom ma tistax tiġi ppreżentata Dikjarazzjoni tad-Diliġenza Dovuta jew Dikjarazzjoni Simplifikata skont ir-Regolament (UE) 2023/1115 u n-numri ta' referenza jew l-identifikaturi tad-dikjarazzjoni ma jistgħux jiġu assenjati minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema ta' informazzjoni.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, il-punt (2)(c) għandu japplika mill-15 ta' Ottubru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-13 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN